REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1774

tal-14 ta' Settembru 2023

li jikkoreġi xi wħud mill-verżjonijiet lingwistiċi tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjonijiet bil-lingwa Olandiża u bil-lingwa Taljana tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 fihom traduzzjoni żbaljata ta' terminu fil-Parti E, fl-entrati li jikkonċernaw il-kategorija tal-ikel 17.1, li ċċekken il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti li fihom jistgħu jintużaw ċerti addittivi tal-ikel.

(2) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-verżjonijiet bil-lingwa Olandiża u bil-lingwa Taljana tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jiġu kkoreġuti skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjonijiet tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, li ngħataw fis-17 ta' April 2018 u fl-10 ta' Marzu 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(Ma japplikax għal-lingwa Maltija.)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Settembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.